**1 ta' Ġunju, 1964.**

**Imħallef:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

Angelo Cutajar

*versus*

Carmelo Camilleri

## SENTENZA TA' QRATI INFERJURI — META APPELLABBILI

***Biex sentenza tal-Qrati Inferjuri tkun appellabbili jeħtieġ li l-meritu jkun jiskorri £5 u li l-kwistjoni fil-kawża tkun dwar punt ta' liġi maqtugħa fis-sentenza. Mhux biżżejjed li jkunu "involuti" kwistjonijiet ta' dritt għax kull sentenza tinvolvi l-applikazzjoni tal-liġi.***

**Il-Qorti:**— Rat it-talba tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Malta sabiex il-konvenut jiġi kkundannat jiżgombra, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minnha, mill-kumditajiet li huwa qed jokkupa fil-fond 21 Vandome Lane, Zejtun, u dana mħabba li l-koabitazzjoni bejniethom ma għadiex aktar possibli kawża tad-diportament ħażin u illegali tiegħu, bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni li, għall-fini tal-kompetenza, il-kera tal-kumditajiet in kwistjoni huwa ta' lira u għaxar xelini (£1.10.0) fis-sena.

Rat il-verbal reġistrat fis-seduta miżmuma mill-in-

fraskritt perit legali fl-erbatax ta' Novembru, 1962, li permess tiegħu l-konvenut eċċepixxa li d-domanda hija nfondata għax id-diportament tiegħu hu eżemplari u jekk kien hemm xi inċidenti dawn ikkaġunawhom l-istess attur jew il-familja tiegħu.

Rat id-degriet ta' l-ewwel Qorti tat-tmienja u għoxrin ta' Settembru, 1962, li bih ġie nominat bħala perit legali l-P. L. Anthony Apap Bologna sabiex jirrelata fuq it-talba tal-attur u eċċezzjoni tal-konvenut.

Eżaminat ir-relazzjoni preżentata minn dak il-perit legali fit-tmientax ta' Marzu, 1964 u minnu maħlufa fil-għoxrin ta' l-istess xahar; kif ukoll l-verbali ta-seduti miżmuma u tax-xhieda mismugħa mill-istess perit.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-għaxra ta' April 1964 li biha t-talba ta' l-attur ġiet miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu wara li l-Qorti kkunsidrat:—

L-inċidenti li l-attur qed jadduċi b'ġustifikazzjoni tat-talba tiegħu għall-iżgumbrament tal-konvenut bdew fis-sajf tal-1962, ċioe wara li dan il-konvenut, li miżżewweġ il-bintu, kien ilu jgħix paċifikament miegħu xi tmientax il-sena. X'kien preċiżament dak li bidde', f'daqqa waħda, l-imġieba reċiproka ta' bejniethom, ma jirriżultax mill-provi. Sta fatt, pero, li minn dak iż-żmien l'hawn, intervenew bejniethom rapporti ħżiena, li jeħtieġ wieħed jeżamina biex jara għadux aktar possibbli l-ulterjuri koabitazzjoni tagħhom.

Mill-provi rakkolti, kif rettament veljati mill-perit legali, jidher li, b'kollox kien hemm tliet inċidenti ta' ċertu riljev u serjeta — numru abbastanza esigwu f'perijodu ta' kważi sentejn, konsiderati partikolarment il-grad soċjali

tal-kontendenti u l-ambjent fejn jgħixu. L-esperjenza tgħallem li nċidenti simili huma prattikament inevitabbli mhux biss f'ċirkostanzi simili, imma anki f'ċirkostanzi ferm aktar favorevoli.

Huwa veru li, fil-kors tat-tliet inċidenti predetti kien hemm skambju abbastanza vjolent ta' invettivi li l-grad soċjali tal-kollitiganti — l-attur u martu min-naħa u l-konvenut u martu min-naħa l-oħra — jista biss jimmitiga, iżda qatt jikkanċella jew jiġġustifika għal kollox; pero l-attur ma rnexxilux jipprova soddisfaċentement xejn aktar gravi minn hekk. Barra minn dan, it-tliet inċidenti, provokati minn inizzju ta' xejn u qatt, milli jidher, mill-konvenut jew martu, ikkonkludew ruħhom malajr bla ma ħallew ebda straxxiku ieħor warajhom ħlief l-attrit ta' bejn il-kontendenti li ġja ssemma: attrit li, bi ftit ta' buona volonta taż-żewġ naħat, membri ta' l-istess familja, dina l-Qorti tawgura li għandu jispiċċa.

Mill-premess, għalhekk, jidher li ma hemmx raġunijiet li jiġġustifikaw suffiċjentement it-talba tal-attur.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u ċ-ċitazzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata u t-talba tiegħu tiġi milqugħa bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellat.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellat li biha, preliminarment eċċepixxa illi s-sentenza appellata ma hix appellabbli peress illi l-meritu nvolut ma jeċċedix ħames liri (£5) u ma kien hemm ebda punt legali deċiż, kif jeħtieġ l-artikolu 226(2) tal-Proċedura Ċivili.

Subordinatament u bla preġudizzju s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Semgħet it-trattazzjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari u dwara kkunsidrat:—

Skond l-artikolu 226(2) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, ma hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta meta l-valur tal-pretensjoni stabbilit jew li jista jiġi stabbilit skond l-artikoli 749 u 762 ma jkunx jiskorri ħames liri (£5) u l-kwistjoni fil-kawża ma tkunx dwar punt ta' liġi maqtugħ fis-sentenza.

Kwantu għall-valur, ma ġiet mill-appellant sottomessa ebda kontestazzjoni għall-eċċezzjoni ta' l-appellant illi dak involut fil-każ preżenti ma jeċċedix ħames liri (£5).

L-appellant pero ssottometta illi dan il-każ huwa, b'dana kollu, appellabbli għax hemm involuti fih żewġ kwistjonijiet ta' liġi. Dawn iż-żewġ kwistjonijiet legali l-appellant jagħmilhom jikkonsistu fil-fatt illi:

(1) Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti semmiet in-numru eżigwu ta' l-inċidenti bejn il-partijiet, mentri skond il-liġi dak li jgħodd huwa l-gravita ta' l-inċidenti, b'mod illi anki inċident wieħed biss ta' ċerta entita hu biżżejjed.

(2) L-ewwel Qorti tat importanza lill-fatt illi l-inċidenti fil-fehma tagħha ma ġewx provokati mill-appellat, mentri jekk il-koabitazzjoni hi resa impossibbli, ma jimpurtax f'każ bħal preżenti ta' min hi l-ħtija.

Fil-fehma tal-Qorti, pero, ebda wieħed minn dawn iż-żewġ punti ma ġie deċiż mill-ewwel Qorti bħala kwistjoni

ta' liġi. Naturalment il-kliem tas-sentenza jrid jittieħed fil-kontest tiegħu. Issa għar-rigward ta' l-ewwel punt il-Qorti kienet qegħda tapprezza l-provi kif miġbura mill-Perit Ġudizzjarju biex tara jekk l-appellant kienx iġġustifika t-talba tiegħu bażata fuq il-kawżali illi l-koabitazzjoni bejnu u l-appellat ma kienetx aktar possibbli minħabba d-diportament ħażin u llegali tal-appellat. Bħala fat il-Qorti dehrilha li kienu ġew pruvati biss tliet inċidenti ta' ċertu riliev u serjeta — numru ta' inċidenti li l-Qorti dehrilha li kien żgħir meta wieħed iqis it-tul ta' żmien (18 il-sena) li l-partijiet kien ilhom jgħixu flimkien u l-kondizzjoni soċjali tagħhom u l-ambjent fejn jgħixu. Il-Qorti, pero, mbagħad għaddiet biex teżamina anki l-entita u l-gravita ta' dawk l-inċidenti u, waslet fil-konklużżjoni, bħala kwistjoni ta' fatt, illi ma kienux jimportaw xejn aktar gravi minn skambju ta' invettivi, u dawk l-inċidenti, kif dehrilha l-Qorti, ikkonkludew ruħhom malajr bla ma ħallew warajhom ebda straxxiku ħlief ċertu attrit bejn il-partijiet.

F'dana kollu m'hemm xejn li minnu wieħed jista jargumenta illi l-ewwel Qorti bħala norma kkunsidrat importanti n-numru biss ta' l-inċidenti u mhux anki l-entita tagħhom. In-numru żgħir ssemma għaliex, fil-fehma tal-Qorti, il-provi, fil-każ partikolari, kienu tassew juru illi l-inċidenti ma kienux frekwenti. Meta eżaminathom il-Qorti rriteniet ukoll illi dawk l-inċidenti ma kienux ta' gravita tali illi jagħtu fondament lill-pretensjoni ta' l-appellant illi minħabba fihom il-koabitazzjoni kienet saret bejniethom impossibbli. F'dan l-apprezzament tal-fatti għab-bażi tal-provi ma jistax jingħad illi l-ewwel Qorti mxiet fuq xi presuppost legali żbaljat jew b'xi kriterju legali skorrett.

Dwar it-tieni punt, l-ewwel Qorti osservat illi t-tliet inċidenti ma kienux jidhru mill-provi li ġew provokati mill-

appellat jew minn martu. Anki din hi vera konklużżjoni ta' fatt. Il-Qorti mkien ma qalet jew tat x'wieħed jifhem illi kieku l-inċidenti ġew provokati minn mart l-appellat jew minn xi persuna oħra li għalihom kien responsabbli hu. dan ma kienx ikun legalment rilevanti. Mill-banda l-oħra jekk "ex hypothesi" l-ewwel Qorti dehrilha (kif jista jidher 'a contrario' li dehrilha) illi l-inċidenti ġew provokati mill-appellant stess jew min-niesu, kien ikun għal kollox korrett u konformi għas-sentenza ċitata mill-istess appellant (Vol. XL, I, 646: App. Inf. Ċiv. "Pulo vs. Sultana" u anki għas-sentenza App. Ċiv. Inf. "Cutajar vs. Maggi" 25.6.1960 wkoll ċitata mill-appellant) kieku l-Qorti rriteniet illi l-appellant ma satax javvantaġġja ruħu minnhom.

Għalhekk din il-Qorti ma ssibx illi l-kwistjoni f'dan l-appell tirrigwarda punt ta' liġi maqtugħ fis-sentenza appellata. Jekk fiha hemm "involuti" kwistjonijiet ta' dritt dan hu sempliċement fis-sens illi kull sentenza neċessarjament tinvolvi l-applikazzjoni tal-liġi jew ta' prinċipji legali għall-fatti tal-każ, u fi kwalunkwe każ il-liġi u l-prinċipji applikati f'dan il-każ huma għal kollox korretti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilita sollevata mill-appellat u tiddikjara l-appell irritu u null bl-ispejjeż kontra l-appellant.